MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 82/2003

**Avviz numru 82/03 DM**

**Citadel Insurance plc kif surrogata sia bil-ligi kif ukoll bil-polza fid-drittijiet ta' Marie Denise Camilleri Gillibrand u l-istess Marie Denise Camilleri Gillibrand**
**Vs**
**Benjamin Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef mija u disgha liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,109.57) rappresentanti danni u spejjez ohra sofferti u nkorsi mill-atturi in konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' April, 2002, fi Triq it-Tempesta, Qrendi bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni FBC 648 proprjeta' ta' l-attrici Marie Denise Camilleri Gillibrand u l-vettura numru ta' registrazzjoni BAP 418 misjuqa mill-konvenut, liema ncident gara unikament

minhabba l-imperizja, traskuragni jew nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tal-konvenut.
Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontestwalment opprezentata, kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:
1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' Silvio Camilleri, is-sewwieq awtorizzat mill-attrici Marie Denise Camilleri Gillibrand, minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Novembru, 2004, fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-*quantum* tad-danni kif ridott izda biss ir-responsabbilita';

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta stabbilit illi l-kollizzjoni grat bejn il-vettura FBC 648 misjuqa minn Silvio Camilleri u dik misjuqa minn Benjamin Mifsudfl-20 ta April 2002 meta z-zewg vetturi kienu qedghin jipprocedu fi Triq it-Tempesta, Qrendi, fid-direzzjoni ta Hagar Qim, b'dik ta' l-konvenut quddiem l-ohra izda angolata lejn ix-xellug taghha u illi, kif il-konvenut kien hekk angolat u miexi lejn ix-xellug intlaqat mill-vettura misjuqa minn Camilleri.

L-atturi pero' jsosstnu illi l-konvenut kien provenjenti mill-karreggjata l-ohra ghat-traffiku sejjer lejn l-Imqabba u illi l-

manuvra minnhu ntiza kienet U-turn li bdiet meta l-konvenut, miexi ‘wrong way fil-karreggjata l-ohra, dar lejn ix-xellug tieghu, dahal fil-karreggjat ta Camilleri u ostakolah.

Minn-naha l-ohra l-konvenut jinnega dik il-verzjoni u jsosstni li huwa kien qed isuq fl-istess karreggjata u fl-istess direzzjoni ta’ l-vettura tal-attrici u, meta avvicina il-fetha fuq ix-xellug tieghu li tghati ghal-Hal Lew, l-ewwel biddel id-direzzjoni tieghu billi sposta ruhhu lejn il-lemin estrem tal-karreggjata tieghu biex jagevola d-dawra li ried jghamel lejn ix-xellug, u mbghad dar ‘full-lock’ lejn ix-xellug tieghu f’manuvra wahda u kontinwa.

F’kull wahda minn dawn iz-zewg verzjonijiet, billi dejjem jirrizulta illi kien il-konvenut illi kien intenzjonat illi jibdel id-direzzjoni illi fiha kien qed isuq u jaqsma il-karreggjata shiha ta min qed isuq lejn Hagar Qim, jirrizulta illi kien obbligu sakrosant ta’l-konmvenut illi, qabel ma jibdel jew ivarja d-direzzjoni li kien qed isuq fiha, huwa kellu l-ewwel jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex jaccerta ruhhu li b’ebda mod ma kien ser jostakola xi traffiku iehor li seta’ kien qed juza t-triq f’dak il-mument u li, mehuda dawn il-prekawzjonijiet, kellu jaghmel dawk is-sinjali kollha ntizi biex juru l-intenzjoni tieghu u jesegwixxi l-manuvra tieghu bl-ikbar kawtela u fl-inqas zmien biex ma jkunx ta’ ostakolu ghat-traffiku li seta’ kien ghaddej dak il-mument.

Fiz-zewg ipotesi jidher illi l-konvenut ma kienx ha dawk il-prekawzjonijiet minnu mistennija qabel ma ghamel il-manuvra tieghu peress illi naqas milli jiehu dik il-prekawzjoni bazilari f’sitwazzjonijiet simili ossija dik illi jesplora l-karreggjata fejn grat il-kollizjoni stante il-vizwali li toffri t-triq u nuqqas tieghu li jinduna b’ Camilleri li habat mieghu.
Il-brake marks ta Camilleri f’tul ta circa 19 il-metru ma jissuggerux velocita iktar minn dik konsentita f’dak il-lokal u fi kwalukwe kaz il-velocita tieghu zgur ma kienetx tant tista tispjega xi allegazzjoni li Camilleri tfacca u habat f’dak il-mument istantaneju meta l-konvenut qala’ ghajnejh minn fuq il-mirja jew direttament minn fuq il-karreggjata.

Izda kemm mid-deposizzjonijiet ta' Silvio Camilleri u ta' Ian Gillibrand korraborati mir-rapport ta' l-ufficjal li nvestiga l-kollizjoni, jirrizulta konklussivament illi l-konvenut kien effettivament ipparkegjat fuq in-naha l-ohra tat-triq u kien qed jesegwixxi *u turn* kif *del resto* ammetta ma' l-ufficjal *a tempo debito* fuq il-post ta' l-incident. Ghalhekk in-non kuranza ghall-effetti ta'l-manuvra tieghu ghall-min kien qed juza zewg karraggejati li ried jinvadi u jostakola hija lampanti.

Ghal dawn il-motivi ssib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni *de quo* u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni kollha minnu kkawzati ghad-detriment ta' l-atturi.

Skond il-prospett esibit mill-atturi a fol. 68 tal-process jirrizulta illi d-danni totali minnhom sofferti jammontaw komplessivament ghas-somma ta' tlett elef, disgha u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm3,039.37), ammont inqas minn dak li jirrizulta li huma talbu originarjament fl-Avviz. Jirrizulta ukoll li dan l-ammont kif ridott mhuwiex ikkontestat mill-konvenut, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz filwaqt li tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' April, 2002, fi Triq it-Tempesta, Qrendi bejn il-vettura numru tar-registrazzjoni FBC-648 proprjeta' ta' l-attrici Marie Denise Camilleri Gillibrand u l-vettura numru tar-registrazzjoni BAP-418 misjuqa mill-istess konvenut u dan minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut, qieghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma kif ridotta ta' tlett elef, disgha u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm3,039.37), bl-imghaxijiet b'effett mis-7 ta' Frar, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------